MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Numru 48/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Mark Roy Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Roy Agius ta’ 29 sena bin Joseph u Dolores nee’ Buttigieg imwieled Londra fil-25 ta’ Novembru 1975 u li joqghod 17 Triq Sant’ Elena, Sliema jew 173/17 Triq Rodolfu, Sliema I.D. 169792M gie akkuzat talli:

Nhar fil-1 ta’ Novembru 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel gewwa l-fond 173/17 Triq Rodolfu, Sliema, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala sid il-post jew bhala persuna li kellu f’idejh l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku, minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur.  Talli ukoll fl-istess data, zmien u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kisser jew ghamel hsara f’dan l-apparat, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda anqas minn LM500 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hati jhallas l-ispejjes peritali ghat-termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok FM3 u li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tal-25 ta’ April, 2005 ix-xhud Ian Vella, inter alia, xehed illi l-Korporazzjoni Enemalta f’din il-kawza m’ghandhix interess u ikkonferma li minn verifiki li ghamel rigwardanti dan il-kaz ma kienx hemm serq ta’ kurrent elettriku, ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef ghall-Prosekuzzjoni talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Mark Roy Agius, kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-

Tahrika ta’ din il-kawza sabiex il-Qorti f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez peritali ghat-termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tilqa’ it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef ghall-Prosekuzzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Mark Roy Agius u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta’ din il-kawza sabiex il-Qorti f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hati jhallas l-ispejjes peritali ghat-termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------